**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAĠISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni Numru: 234/2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Camilleri u Spettur Kurt Farrugia)**

**vs**
**-Omissis-**
**Charles Gouder**

**Illum 4 ta' Ottubru, 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra:

Charles Gouder ta' 50 sena, imwieled il-Pieta' nhar il-5 ta' Lulju 1971 iben Carmelo u Doris nee' Mallia u li joqgħod ġewwa Block 4, Flat 15, Triq iċ-Ċikas, Żabbar u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 413372(M);

Akkużat talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, kissru l-istess dispożizzjoni tal-liġi jew dispożizzjonijiet relatati tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, meta:

1. Nhar il-15 t'April 2022 għall-ħabta tas-siegħa ta' wara nofsinhar (13:00hrs) minn ġewwa sit taħt kostruzzjoni fi Triq George Caruana Tarxien, Malta ikkommettew serq ta' għodda ta' valur ta' madwar Ewro

600, liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-mezz dan għad-detriment ta' Adrian Joseph Mamo;

2. U aktar talli nhar id-29 ta' April 2022, għall-ħabta ta' l-erbgħa ta' filgħodu (04:00hrs), minn ġewwa sit taħt kostruzzjoni fi Triq George Caruana Tarxien, Malta, ikkommettew serq ta' għodda ta' valur ta' madwar Ewro 800, liema serq huwa aggravat bil-valur, ħin u bil-mezz, dan għad-detriment ta' Adrian Joseph Mamo;

3. U aktar talli nhar is-26 ta' April 2022, għall-ħabta tal-erbgħa ta' filgħodu (04:00hrs), minn ġewwa sit taħt kostruzzjoni fi Triq il-Bikri Ħaż-Zabbar kantuniera ma' triq Agatha Barbara Ħaż-Żabbar, Malta ikkommettew serq ta' għodda ta' valur ta' madwar Ewro 1150 liema serq huwa aggravat bil-valur, ħin u bil-mezz dan għad-detriment ta' Alexander Aquilina;

Il-Qorti hija mitluba li titratta ma' l-imputat Charles Gouder bħala reċidiv, ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenza/i mogħtija mill-Qorti (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;

Il-Qorti hija wkoll mitluba tordna l-konfiska tal-vettura Hyundai Accent bin-numri ta' reġistrazzjoni OWL 459 li vettura serviet jew li kienet maħsuba biex isservi sabiex isir ir-reat;

Il-Qorti hija wkoll mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputati għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, jekk kif ikkontemplet fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti rat id-dokumenti kollha eżebiti u semgħet ix-xhieda kollha miġjuba quddiemha.

Semgħet l-ammissjoni ċara u inekwivoka ta' l-imputat għall-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontrih fis-seduta datata 28 ta' Frar 2023.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba tiegħu u tatu żmien xieraq biex jekk irid, jista' jerga' lura minnha u fil-fatt huwa reġa' tenna l-istess ammissjoni tiegħu.

Rat li fis-seduta datata 28 ta' Frar 2023 l-imputat talab li jsir *pre-sentencing report*, il-Qorti laqgħet it-talba u semgħet lill-uffiċċjal tal-probation Joanna

Farrugia tixhed fis-seduta datata 26 ta' April 2023 meta ippreżentat ir-rapport tagħha u fil-konklużjonijiet qalet is-segwenti:

*"Jrid jingħad li minkejja li huwa irreġistra ammissjoni, meta l-Uffiċċjal tal-Probation talbitu għal verżjoni tiegħu huwa innega li kien involut f'dan ir-reat iżda tefa' r-responsabbilita' kollha fuq il-persuna l-oħra li tressqet u sostna li kien mhedded minnu. B'hekk wara li ġiet kkunsidrat dan il-fatt u li mhux jerfa' responsabbilita' t'għemilu, kif ukoll il-Fedina Penali refretarja tiegħu, storja li ma jikkoperax ma' professjonisti fil-passat u l-fatt li huwa akkużat b'reċidiva l-Uffiċjal tħoss li m'hemm l-ebda alternattiva ħlief li tirrakkomanda lil din l-Onorabbli Qorti li l-imputat jingħata piena karċerarja."*

Ikkunsidrat

Illi mill-provi miġjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputat stess, il-Qorti ssib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet kif miġjuba kontra tiegħu u dwar il-piena il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi partikolari marbuta ma' dan il-każ inkluż ir-rapport tal-probation officer Joanna Farrugia li tirrakomanda piena karċerarja effettiva, kif ukoll il-karattru altament refrettarju ta' l-imputat li jirriżulta mill-fedina penali tiegħu eżebita, fejn jirriżulta li l-imputat kien ingħata diversi opportunitajiet biex jirriforma ruħħu, ħaġa li qatt ma għamel u qatt ma użufruwixxa minn dawn l-opportunitajiet mogħtija lilu.

**Decide:**

**Għal dawn ir-raġuniojiet u wara li l-Qorti rat l-Artikoli 18, 261(b)(c)(f), 263, 264(l), 266, 267, 270, 279(b), 280(2), 49, 50, 289 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u in vista ta' l-ammissjoni ċara u inekwivoka tagħha, qed issib lill-istess Charles Gouder ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tiegħu u tikkundannah għal priġunerija ta' żmien sitta' u tletin (36) xahar effettivi.**

**Inoltre l-Qorti qed tordna l-konfiska tal-vettura Hyundai Accent bin-numru ta' reġistrazzjoni OWL 459 favur il-Gvern ta' Malta.**

**Finalment, tordna illi kopja skenjata ta' l-atti u ai termini ta' l-Artikolu 392(A) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tiġi trasmessa lill-Avukat Ġenerali fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Maġistrat**

**Maria Grech Cardona**
**Deputat Reġistratur**